# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 30 t'Ottubru 2024**

**Rik. Gur.Nru.: 248/2024 JPG**
**Kawza nru.: 19**

**WB**
**U**
**L-Avukat Dr Martina Calafato (ID 310298M) Li qeghda tidher ghan-nom u in rapprezentanza ta' PB permezz tal-Prokura ta' nhar l-ghaxra (10) ta' April tas sena elfejn u erbgha u ghoxrin (2024)**
**Vs**
**X**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet datat 15 ta' Mejju 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

*Illi l-kontendenti partijiet zzewgu nhar it-tmintax (18) ta' April tas-sena elfejn u ħamsa (2005) hekk kif jidher mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bħala* ***Dok. B****;*

*Illi minn dana z-zwieg twieldet il-minuri JB nhar il-X;*

*Illi l-istess partijiet huma legalment separati permezz ta' Kuntratt ta' Separazzjoni Konsenswali ppublikat fl-Atti tan-Nutar Dr. Claire Camilleri*

*nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Novembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) [Vide* ***Dok. C****];*

*Illi l-istess partijiet ilhom jgħixu separatment minn xulxin għal diversi snin;*

*Illi ma' hemm l-ebda arretrati ta' manteniment;*

*Illi ma' hemm l-ebda prospett ragonevoli għar-rikonciljazzjoni bejniethom, stante li minbarra li ilhom mifrudin, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi l-Kommunjoni tal-Akkwisti giet xolta permezz tal-istess Kuntratt ta' Separazzjoni Konsenswali su-citat fl-Atti tan-Nutar Dr. Claire Camilleri nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Novembru tas-sena elfejn u dsatax (2019);*

*Illi l-istess partijiet qiegħdin jipprezentaw kopja tal-Affidavit tagħhom li qiegħdin jigu hawn annessi u mmarkati bħala* ***Dok. WB01*** *u* ***Dok. PB01****;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtiega għall-ksib tad-Divorzju skont l-Artikolu Sitta u Sittin Ittra Kapitali B (66B) tal-Kodici Civili [Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta].*

*Għaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponenti partijiet umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex :-*

1. *Tippronunzja l-ħall taz-zwieg ta' bejn il-kontendenti partijiet;*

2. *Tawtorizza lil PB tirriverti għall-kunjom ta' xbubitha, u cioè R;*

3. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imħolli għaldaqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-Divorzju tal-istess partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi l-partijiet iddikjaraw li ma ghandhomx aktar provi x'jipproducu jew trattazzjoni ulterjuri x'jaghmlu u stiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza. (Vide Fol 19)

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**WB xehed (vide affidavit fol 11)** u kkonferma illi il-partijiet izzewgu nhar it-18 t'April 2005 u li minn dan iz-zwieg twieldet tifla, illum minorenni. Iddikjara illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 28 ta' Novembru 2019 fl-atti tan-Nutar Dr Claire Camilleri. Di piu', ikkonferma illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**PB permezz tal-affidavitipprezentat fl-10 ta' Settembru 2024 u debitament mahluf quddiem Nutar Pubbliku Markus Feldmann (vide Fol 23 u 24)** u Appostillat (Vide Fol 25) kkonfermat u kkorroborat ix-xhieda ta' zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar id-18 t'April 2005 liema zwieg jgib certifikat numru 340/2005 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 6). Minn dan iz-zwieg twieldet tifla li ghadha minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Claire Camilleri nhar it-28 ta' Novembru 2019 (Vide fol 7 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 340/2005 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Di piu' tawtorizza lil PB tirriverti għall-kunjom ta' xbubitha, u cioè R u tordna lid-Direttur Registru Pubbliku jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**